# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' April 2016**

**Numru 14**

**Citazzjoni Numru 28/08 PC**

**Gregory u Agnes konjugi Grech.**

**v.**

**Emanuel Balzan, Maureen Balzan,**
**u George Apap.**

**Preliminari**

1. Dawn huma appell principali maghmul mill-konvenut George Apap u appell incidentali maghmul mill-atturi Gregory u Agnes konjugi Grech, minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali fis-7 ta' Marzu 2012 li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet inter alia billi laqghet l-eccezzjoni tal-konvenuta Maureen Balzan, li hija

mhix responsabbli ghad-dejn in kwistjoni, laqghet it-talba fil-konfront tal-konvenuti l-ohra Emanuel Balzan u George Apap, u ikkundannathom *in solidum* sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' sittax-il elf tlett mija u hames euro u wiehed u sittin centezmu (€16,305.61) rapprezentanti l-hlas tal-flus mislufa lilhom permezz tal-iskrittura tal-24 ta' Gunju 2002, bl-imghaxijiet ulterjuri fuq is-somma mislufa ta' hamest elef lira Maltija (Lm5,000) mid-data tal-prezentata tal-kawza sad-data tal-pagament effettiv; bl-ispejjez kontra l-konvenuti Emanuel Balzan u George Apap.

L-Appelli

2. L-appell principali huwa bazat fuq zewg aggravji li jirrigwardjaw: [1] l-ezistenza tal-kumpanija E&M Holdings u [2] l-ammont dovut.

3. Il-konvenut George Apap, ghar-ragunijiet imfissra minnu fir-rikors tal-appell tieghu, qed jitlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tichad it-talbiet tal-atturi migjuba fil-konfront tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi.

4. L-atturi qed jibbazaw l-appell incidentali taghhom fuq l-aggravju li l-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-konvenuta Maureen Balzan peress li din kienet separata minn ma' zewgha permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li kien sar sentejn wara li kienet giet redatta l-imsemmija

skrittura. Ghalhekk, u ghar-ragunijiet imfissra fir-risposta taghhom qed jitolbu li, filwaqt li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu gew milqugha t-talbiet taghhom fil-konfront tal-konvenuti George Apap u Emanuel Balzan, tirriformaha fis-sens li tikkundanna wkoll lill-konvenuta Maureen Balzan, illum Apap, solidalment mal-konvenuti l-ohra ghall-hlas tas-somma indikata fis-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

Mertu

5. Permezz ta' skrittura privata datata 24 ta' Gunju 2002, il-konvenuti Emanuel Balzan u George Apap, li kienu qed jidhru ghall-*"Kumpanija E & M Holdings"* issellfu minghand l-atturi s-somma ta' hamest elef Liri Maltija (LM5,000) filwaqt li obbligaw ruhhom li jirrestitwixxu din is-somma flimkien mal-imghax relattiv ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) fi zmien 5 snin.

6. Il-konvenuta Maureen Balzan, mart il-konvenut Emanuel Balzan, isseparat legalment minn mieghu permezz ta' kuntratt tat-23 ta' Awwissu 2004 u ghalhekk wara li kienet diga` saret l-iskrittura fuq imsemmija. Izda, ghalkemm fiz-zmien li kienet saret l-iskrittura l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi Balzan kienet ghadha vigenti, din il-konvenuta ma iffirmatx l-iskrittura.

7. Permezz tal-odjerni proceduri l-atturi qed jitolbu l-hlas tas-somma ta' €16,305.61 abbazi tal-imsemmija skrittura.

8. Din il-Qorti tinnota illi, minkejja li waqt l-udjenza tat-30 ta' Novembru 2011 quddiem l-ewwel Qorti gie registrat illi d-difensuri tal-partijiet qablu li l-provi ta' din il-kawza ghandhom jghoddu wkoll ghall-kawza 9/2008PC fl-ismijiet **Eric Joseph Grech et v. Emanuel Balzan et**, ma saret ebda dikjarazzjoni fis-sens invers u ghalhekk il-provi migbura f'dik il-kawza ma japplikawx ghall-proceduri odjerni. Jigi rilevat pero` li, ghalkemm it-traskrizzjoni tax-xhieda moghtija mill-konvenut Emanuel Balzan fil-15 ta' Gunju 2011 ma gietx inserita fil-process tal-inkartament odjern, mill-atti processwali jirrizulta li dan kien xehed u t-traskrizzjoni tieghu, filwaqt li kienet giet inserita fil-process tal-kawza 9/2008[PC], ma gietx inserita fl-inkartament odjern. Dan ma jipprekludix lil din il-Qorti milli tiehu konjizzjoni tax-xhieda tieghu li tinsab fil-kawza 9/2008PC.[1]

<u>Is-Sentenza Appellata</u>

9. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

---

[1] Jidher li, peress li hu kien qed jixhed dwar iz-zewg kawzi, saret traskrizzjoni wahda li kopja taghha kienet giet inserita fil-process tal-kawza 9/2008 PC u mhux fil-kawza odjerna.

"Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu l-ħlas tas-somma ndikata fir-Rikors, li ġiet mislufa minnhom lill-konvenuti permezz ta' skrittura privata ta' l-24 ta' Gunju 2002.[2] Il-konvenuti Maureen Balzan u huwa George Apap qed jopponu t-talba għad-diversi raġunijiet minnhom indikati fir-risposta tagħhom.

"Irriżulta li permezz ta' l-iskrittura msemmija Emanuel Balzan u George Apap, li allegatament kienu qed jidhru għall-"*Kumpanija E & M Holdings*" sselfu mingħand l-atturi s-somma ta' ħamest elef lira maltija (LM5000) li obbligaw ruħhom li jirrestitwixxu fi żmien ħames (5) snin flimken mal-imgħax relattiv ta' elfejn lira maltija (Lm2000). Maureen Balzan, li sa dakinhar kienet għadha tirrisjedi ma' Emanuel Balzan bħala l-mara tiegħu, (għax isseparat legalment minn miegħu permezz ta' kuntratt tat-23 ta' Awwissu 2004),[3] ma dehritx fuq l-istess skrittura. Ma tressqet ebda prova ta' l-eżistenza ta' din il-kumpanija, u għalhekk "E & M Holdings" aktarx kien sempliċement it-*trade name* li bih kienu qed joperaw il-konvenuti dik il-ħabta.

"Il-konvenut Emanuel Balzan, baqa' ma xehedx f'din il-kawża, imma ma jidhirx li jista' jkun hemm xi difiża li tista' tiġġustifika n-nuqqas ta' responsabilita' tiegħu għal dan il-ħlas.

"Il-konvenut George Apap jinsisti li huwa qatt ma ta l-kunsens tiegħu għal dan is-self, pero' lanqas ma ċaħad li kien iffirma l-iskrittura relattiva. In-Nutar Josienne Cini li rrediġiet l-istess skrittura, kkonfermat li hija kienet qrat u fisset il-kontenut ta' din l-iskrittura qabel ma ġiet iffirmata mill-partijiet kollha li dehru fuqha, u dan kif inhi obbligata li tagħmel skont il-liġi.[4] Għalhekk ma jidher li hemm l-ebda raġuni għaliex dan il-konvenut jista' jaħrab mir-responsabilita' tiegħu għal ħlas ta' dan id-dejn.

"Il-konvenuta l-oħra Maureen Balzan, ippruvat li hija kienet isseparat minn ma' żewġha permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni msemmi, li sar sentejn wara li ġiet redatta din l-iskrittura. Għalkemm f'dak il-kuntratt żewġha Emanuel kien assuma d-djun kollha li kellhom il-partijiet, b'daqshekk biss din il-konvenuta ma setgħetx tiġi meħlusa mir-responsabilita' tagħha, għax dak il-ftehim ma kienx jeffettwa d-drittijiet li terzi kienu laħqu akkwistaw qabel ma ġiet xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti. Madankollu billi skont l-artikolu 1322(3) (f) tal-Kodiċi Ċivili "**li tisselef jew tisfel flus**" huwa meqjus bħala wieħed mill-atti ta' amministrazzjoni straordinarja li skont il-paragrafu (2) ta' l-istess artikolu jeħtieġ il-kunsens taż-żewġ partijiet għaż-żwieġ, u kif rajna, billi Maureen Balzan ma kienitx parti fuq l-iskrittura in kwistjoni, hija ma tistax tinżamm responsabbli wkoll għal dan id-dejn.

---

[2] Ara kopja esebita bhala Dok. GG 1 a fol. 6 - 7 tal-process.
[3] Ara Dok. A a fol. 22 – 24.
[4] Ara depozizzjoni taghha a fol. 77 - 78.

> “Għaldaqstant jiġi li huma responsabbli flimkien u *in solidum* bejniethom għall-ħlas ta’ l-ammont indikat fir-Rikors, li jirrapreżenta l-ekwivalenti llum tas-Lm7000 maltin dovuti skont l-istess skrittura, il-konvenuti Emanuel Balzan u George Apap. Billi ma jidhirx li saret ebda talba għall-ħlas qabel ma ġie ntavolat ir-Rikors preżenti, u dan id-dejn lanqas ma jista’ jitqies bħala wieħed kummerċjali, l-imgħaxijiet fuq is-somma mislufa, u ċioe’ dik ta’ ħamest elf lira maltija (jew aħjar illum l-ekwivalenti tagħha f’euro) huma dovuti mid-data tal-preżentata ta’ dan ir-Rikors ġuramentat.”

<u>L-Appell Principali</u>

*L-Ewwel Aggravju*

10. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ikkonkludiet illi, peress li ma tressqet ebda prova dwar l-esistenza tal-kumpanija E&M Holdings, aktarx li dan l-isem kien semplicement it-*trade name* li bih kienu qed joperaw il-konvenuti dik il-habta. Il-konvenut George Apap jaghmel referenza ghall-Artikolu 4(4) tal-Kap. 386 u ghal gurisprudenza patria sabiex jenfasizza illi socjeta` kummercjali ghandha personalita` guridika awtonoma u distinta minn dik tas-socji u jghid li fil-kaz de quo fuq l-iskrittura hu u Emanuel Balzan dehru ghan-nom tal-kumpanija E&M Holdings u ghalhekk il-legittimu kuntradittur f’din il-kawza kellha tkun E&M Holdings. Jissenjala li Gregory Grech stess jixhed illi huwa kien qed jinnegozja mal-intimati Balzan u Apap fil-kapacita` taghhom ta’ *managers* tal-kumpanija.

11. Isostni li, fir-rigward, l-ewwel Qorti strahet fuq prezunzjonijiet li dwarhom ma ngabet ebda prova u, ghalkemm l-atturi jallegaw li E&M

Holdings ma tezistix, izda dawn naqsu milli jgibu prova ta' dan il-fatt allegat minnhom.

12. Fir-risposta tal-appell taghhom l-atturi Gregory u Agnes Grech jissottomettu illi huwa minnu dak deciz mill-ewwel Qorti illi l-kumpanija E&M Holdings ma tezistix u ghalhekk, ladarba s-socjeta` li suppost dehru ghaliha l-konvenuti Balzan u Apap hija fittizja allura jidhlu responsabbli l-konvenuti personalment ghall-obbligi assunti minnhom fl-iskrittura.

13. L-atturi jghidu li l-konvenuti ma tawx l-eccezzjoni tal-illegittimita` tal-persuna u fi kwalunkwe kaz din messha nghatat *in limine litis* u mhux bhala eccezzjoni ulterjuri. Dwar l-argument li huma ma ressqu ebda prova dwar l-esistenza tal-kumpanija, jghidu li huma xehdu bil-gurament taghhom illi minn ricerka li ghamlu s-socjeta` in kwistjoni ma tezistix. Kienu l-konvenuti li, wara tali xhieda, naqsu milli jressqu prova tal-ezistenza taghha.

14. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva li m'huwiex minnu li l-eccezzjoni tal-illegittimita` passiva tal-konvenuti personalment ma tqajjmitx formalment. Fil-fatt mill-atti jirrizulta li din kienet giet sollevata b'risposta guramentata ulterjuri prezentata mill-konvenuti Maureen Balzan [illum Apap] u huha George Apap fid-19 ta' Ottubru 2009 fejn dawn il-

konvenuti issollevaw, inter alia, li fil-kapacita` taghhom personali huma ma kienux il-legittimi kontradditturi, izda kienet il-kumpanija li fiha kienet vestita l-legittimazzjoni passiva.

15. Fit-tieni lok, din il-Qorti tosserva li eccezzjoni dwar il-*locus standi* ta' parti fil-kawza hija ta' natura perentorja, stante li tidderimi l-meritu u, ghalhekk tista' titqajjem fi kwalunkwe stadju tal-proceduri.[5]

16. Fit-tielet lok, din il-Qorti tosserva li mill-provi akkwiziti hemm elementi ta' prova li jwasslu ghall-prova sodisfacenti li kumpanija bl-isem fuq indikat fil-fatt ma tezistix. Dan jirrizulta kemm mit-termini tal-iskrittura de quo fejn, ghalkemm il-E&M Holdings hija indikata bhala "Kumpanija" ma hemm ebda informazzjoni ohra dwar din l-allegata kumpanija, la hemm numru ta' registrazzjoni u lanqas hemm indikazzjoni x'tip ta' kumpanija hi, tant li l-isem kif jidher fuq l-iskrittura ma huwiex isem li jappartjeni lill-kumpanija in kwantu ma jispiccax bil-kliem li trid il-ligi fil-kaz ta' kull kumpanija kummercjali. Apparti minn hekk u b'aktar enfazi jigi osservat li l-konvenut Emanuel Balzan stess fix-xhieda tieghu moghtija fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2011 jammetti li ma hemmx kumpanija b'dak l-isem. Fuq mistoqsija tad-difensur tal-atturi qabel li "*il-kumpanija "E. & M. Holdings" fil-fatt mhi kumpanija xejn"*. Jispjega: *"Konna lestejna kollox. Ezatt, konna lestejna kollox tieghu, pero` ma kienx forsi kien, bhala kumpanija, pero` bhala isem "E.*

[5] Ara fost ohrajn App.C **Dacoutros v. Petrococchino**, deciza 3 Frar 1950 u PA [sk] 613/97 **Muscat v. Dingli et**, deciza 30 Novembru 2006 – Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili art.732 [1]

*& M. Holdings" kien jigifieri l-isem, trade name ezatt".*

17. Ghaldaqstant in mankanza tal-ezistenza ta' kumpanija bl-isem fuq indikat l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti Maureen Balzan u George Apap ma tistax tregi u fin-nuqqas tal-ezistenza ta' kumpanija b'personalita` legali distinta huma korretti l-atturi meta jghidu li galadarba irrizultalhom illi l-imsemmija kumpanija ma tezistix, ma setghu qatt jifthu l-odjerni proceduri kontriha u fic-cirkostanzi r-responsabbilita` tal-obbligi naxxenti mill-iskrittura de quo jaqghu fuq il-konvenuti Emanuel Balzan u George Apap personalment. Ukoll, il-fatt li dan tal-ahhar jghid fix-xhieda tieghu li hu kien iffirma fuq il-fiducja minhabba parentela ma' oht il-konvenut l-iehor u ma kienx jaf ghal xhiex kien qed jiffirma, apparti milli jistona mar-realta` tal-hajja, zgur li dan il-fatt ma jistax jezentah mill-obbligi li hu kien iffirma u dahal ghalihom u, fil-fehma ta' din il-Qorti l-eccezzjoni tieghu li "huwa qatt ma ta l-kunsens tieghu ghall-kostituzzjoni ta' debitu in kwistjoni" hija manifestament infondata u fiergha. Jekk verament ma ndenjax ruhu jaqra dak li hu kien iffirma ghalih u strah cjekament fuq il-fiducja, allura *imputet sibi* u m'ghandux idghajjef id-drittijiet tal-atturi naxxenti mill-iskrittura fil-konfront tieghu.

18. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

It-tieni aggravju

19. Fit-tieni aggravju tieghu, il-konvenut George Apap jissottometti illi jhossu aggravat mill-fatt illi l-ewwel Qorti ikkundannatu jhallas is-somma ta' €16,305.61 minghajr ma l-atturi spjegaw kif waslu ghal dan l-ammont pretiz minnhom. Jghid li skont l-iskrittura, l-atturi kienu sellfu lill-E&M Holdings is-somma ta' LM5,000 [illum €11,645] u l-atturi naqsu milli jispjegaw l-ammont ulterjuri ta' €4,660.61. Jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti minghajr ma qieset xejn ordnat il-hlas tal-ammont kollu.

20. Fir-risposta taghhom l-atturi jirribattu illi ma hemm ebda raguni ghaliex l-ewwel Qorti kellha taghti spjegazzjoni tal-ammont li gie ikkanonizzat galadarba l-attur fix-xhieda tieghu u permezz tal-prospett esebit minnhom, ipprova t-talba tieghu. Jghidu wkoll illi lanqas ma kien hemm kontestazzjoni dwar l-ammont da parti tal-konvenut, semplicement jghid li l-ammont mitlub ma huwiex dovut minnu.

21. Din il-Qorti tosserva li, minkejja li fil-process odjern ma irriskontrat ebda prospett da parti tal-atturi li jispjega kif dawn wasslu ghall-ammont pretiz minnhom, dan l-ammont jirrizulta manifest u inekwivokabbilment mill-iskrittura de quo. Skont it-termini tal-iskrittura, l-konvenuti ssellfu l-ammont ta' LM5,000 restitwibbli fi zmien hames snin mid-data tal-iskrittura, kontra l-imghax globali ta' Lm2,000 ghall-perjodu kollu ta'

hames snin u, ladarba ma jirrizultawx provi li jmeru dak pretiz mill-atturi u dak li johrog car mill-iskrittura, jigifieri li l-ammont ta' LM7,000 m'ghadux dovut *in toto* jew *in parte*, allura l-ewwel Qorti ma kellhiex aktar x'tezamina fir-rigward u l-uniku konkluzjoni li setghet tasal ghaliha hija li dan l-ammont kollu ghadu dovut mill-konvenuti.

22. Ghaldaqstant anke dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

L-Appell Incidentali

23. Dan hu dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti illiberat lill-konvenuta Maureen Balzan mill-osservanza tal-gudizzju in bazi ghall-konsiderazzjonijiet li, billi s-self ta' flus huwa meqjus fil-ligi bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja li allura kien jehtieg il-kunsens taz-zewg konjugi u, billi l-kunsens tal-konvenuta kien mankanti f'dan il-kaz tant li din ma kenitx iffirmat l-iskrittura, din il-konvenuta ma setghetx tinzamm responsabbli ghad-dejn li dahal ghalih il-konvenut wahdu.

24. L-atturi jilmentaw illi l-fatt li l-konvenuta Maureen Balzan ippruvat li hi kienet separata minn ma' zewgha permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni sentejn wara li kienet giet iffirmata l-imsemmija skrittura u

l-fatt li f'dak il-kuntratt il-partijiet kienu ftehmu li d-dejn kollu jigi assenjat lill-konvenut Emanuel Balzan, kif ukoll, il-fatt li l-istess konvenuta ma kenitx iffirmat l-iskrittura, dawn il-fatti ma kellhomx iwasslu lill-ewwel Qorti biex tezenta lill-konvenuta Maureen Balzan mill-obbligi taghha naxxenti mill-iskrittura *de quo*. Il-fatt li bil-kuntratt ta' separazzjoni zewgha kien assuma d-dejn kollu tal-komunjoni, il-konvenuta xorta ma setghetx tigi mehlusa mir-responsabbilita` taghha ghax dak il-ftehim ma kienx jaffettwa drittijiet li terzi kienu lahqu akkwistaw qabel ma giet xjolta l-komunjoni tal-akkwisti.

25. Jghidu li l-ewwel Qorti erronejament applikat l-Artikolu 1322(3) (f) tal-Kodici Civili li jghid li l-fatt li tissellef jew tislef flus huwa meqjus bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja li jehtieg il-kunsens taz-zewg partijiet, mentri fil-fatt kellu japplika l-Artikolu 1324[6] ghax is-self li l-konvenut Emanuel Balzan kien ghamel kien jaqa' fil-parametri tal-gestjoni tan-negozju tieghu, specjalment meta s-self *brevi manu* jkun qed isir sabiex ikun jista' jhaddem in-negozju tieghu.

26. Min-naha taghha l-konvenuta Maureen Balzan tirribatti dan l-aggravju billi tishaq fuq il-fatt li l-iskrittura ma torbothiex peress li hi ma kenitx iffirmatha u ghalhekk m'hijiex parti fiha. Tghid li hi ma kenitx taf

[6] Dan jaqra hekk:"Atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kenux maghmula in relazzjoni ma' dik is-sengha, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja".

b'dik l-iskrittura u peress li s-self kien jikkostitwixxi att ta' amministrazzjoni straordinarja kien jehtieg bil-ligi l-kunsens taghha biex jorbot lilha jew lill-komunjoni tal-akkwisti.

27. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li dak li l-konjugi Balzan kienu ftehmu dwaru fil-kuntratt ta' separazzjoni maghmul minnhom jorbot biss lilhom bhala l-unici kontrajenti fuq dak il-kuntratt u sad-data tieghu ma jorbotx lill-terzi li ma kienux partecipi fih. Ghalhekk il-fatt li sentejn wara li saret l-iskrittura de quo l-partijiet qasmu bejniethom l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti huwa irrelevanti ghall-finijiet tal-kawza odjerna li tittratta dwar drittijiet ta' terzi akkwistati qabel is-separazzjoni.

28. Fit-tieni lok, jigi osservat li kemm jekk bl-applikazzjoni tal-Artikolu 1322[3][f] tal-Kodici Civili kif ukoll bl-applikazzjoni tal-Artikolu 1324 il-konvenuta Maureen Balzan ma hijiex il-legittimu kuntradittur. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti is-self li sar mill-konvenut Emanuel Balzan, permezz tal-iskrittura iffirmata minnu, jikkostitwixxi att ta' amministrazzjoni straordinarja li allura sabiex jorbot lill-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Balzan kien jirrikjedi l-kunsens taz-zewg konjugi u ghalhekk, ladarba l-konvenut Emanuel Balzan dahal wahdu ghal dan is-self minghajr il-kunsens ta' martu, tant li din lanqas biss kienet taf bis-self kuntrattat, allura l-iskrittura ma tistax torbot lilha.

29. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell principali, tichad l-appell incidentali, u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti; l-ispejjez tal-appell principali jkunu a kariku tal-konvenut George Apap filwaqt li l-ispejjez tal-appell incidentali jkunu a kariku tal-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df